Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,288, 23 ta' Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 168 tal-2024

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2024 dwar Persuni li Jagħlfu l-Qtates

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Persuni li Jagħlfu l-Qtates.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"Direttur" tfisser id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kif imfisser fl-Att:

"kontrollur" tfisser l-uffiċjal responsabbli maħtur skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"Kunsill Lokali" tfisser il-Kunsill Lokali rispettiv kif imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Att dwar Gvern Lokali, taż-żona fejn isir it-tagħlif; Kap. 363.

"persuna li tagħlef" tfisser kwalunkwe persuna reġistrata mal-Kunsill Lokali li tieħu ħsieb kolonja ta' qtates tat-triq f'konformità mal-Att;

"qattus tat-triq" tfisser kwalunkwe qattus tal-ispeċi *Felis catus* li ma għandux dar jew li mhux reġistrat permezz ta' mikroċippa fuq sid jew detentur speċifiku jew qiegħed barra l-limiti tad-dar ta' sidu jew tad-detentur tiegħu u ma huwiex taħt il-kontroll jew is-superviżjoni diretta ta' kwalunkwe sid jew detentur:

Iżda kwalunkwe qtates tal-ispeċi *Felis catus* li huma mikroċippjati taħt il-Kunsill Lokali għandhom ikunu wkoll

ikkunsidrati qtates tat-triq;

"Reġistru" tfisser reġistru ta' persuni li jagħlfu l-qtates miżmum mill-Kunsill Lokali li jkun fih dettalji skont ir-regolament 5.

Reġistrazzjoni ta' persuni li jagħlfu.

3. L-ebda persuna ma għandha tagħlef qtates tat-triq f'żona pubblika sakemm ma tkunx reġistrata mal-Kunsill Lokali.

Ħatra tal-kontrolluri.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu maħtura żewġ (2) kontrolluri, wieħed (1) maħtur mill-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji u ieħor mill-Ministru responsabbli mill-gvern lokali li għandhom jaġixxu bħala kontrolluri separati u indipendenti minn xulxin.

Reġistru.

5. (1) Il-Kunsill Lokali għandu jżomm reġistru tal-persuni kollha li jagħlfu b'mod sigur, li jikkonsisti ż-żoni ta' għalf rispettivi tagħhom, in-numru ta' kolonji u l-ammont ta' qtates f'kull kolonja rispettiva bil-għan li jinżamm rekord tal-qtates tat-triq fiż-żona u l-persuna li tieħu ħsieb il-kolonja. Kopja tar-reġistru aġġornat għandha tintbagħat lid-Direttur fuq bażi ta' darbtejn fis-sena, matul l-ewwel (1) ġimgħa u s-sebgħa u għoxrin (27) ġimgħa tas-sena kalendarja.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jippreġudikaw l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, inkluż ir-regolamenti magħmula taħtu, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data.

Kap. 586.

(3) Il-kontrolluri għandhom iwettqu l-operazzjonijiet rilevanti tal-ipproċessar tad-data li huma limitati sal-punt meħtieġ u proporzjonati għall-objettivi li dawn ir-regolamenti jimmiraw għalihom.

(4) Il-kontrollur għandu jipproċessa biss id-data personali li tinsab fir-reġistru għall-fini ta' spezzjonijiet, l-edukazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Għall-fini tas-subregolament (1), l-ipproċessar ta' data personali għandu jikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(6) Il-kontrollur, waqt li jieħu kont tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa b'mod effettiv u jintegra s-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar, sabiex jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u jiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

(7) Għall-finijiet sabiex tiġi żgurata u sabiex tkun tista' tintwera l-konformità mal-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali, il-kontrollur għandu jimplimenta l-politiki xierqa dwar il-protezzjoni tad-data, liema politiki għandhom jiġu riveduti perjodikament u aġġornati fejn meħtieġ.

(8) L-uffiċjal dwar il-protezzjoni tad-data magħżul mill-kontrollur skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi involut u kkonsultat fil-ħin dwar il-kwistjonijiet kollha fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali pproċessata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Post tal-għalf tal-kolonji.

6. (1) Kull persuna li tagħlef għandha tipprovdi lill-Kunsill Lokali bil-post tal-għalf ta' kull kolonja permezz ta' koordinati tal-GPS ta' kull waħda mill-kolonji tagħhom, in-numru ta' qtates f'kull kolonja, in-numru ta' qtates imsewwija, u jekk disponibbli d-dettalji relattivi tal-mikroċippa.

(2) Meta data personali tiġi pproċessata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Kunsill Lokali għandu jiġbor data li tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li jkun meħtieġ fir-rigward tal-finijiet li għalihom jiġu pproċessati.

Linji gwida u avviżi.

7. Il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-gvern lokali, jista' joħroġ linji gwida jew avviżi fil-Gazzetta dwar l-għalf ta' qtates tat-triq f'żoni pubbliċi.

Saħħa u benesseri tal-kolonji.

8. Persuni li jagħlfu għandhom jiżguraw li l-qtates fil-kolonja tagħhom ikunu f'saħħithom u ħielsa mill-mard u għandu jsir kull sforz sabiex jiġi żgurat li l-qtates fil-kolonja jiġu msewwija. Il- persuni li jagħlfu għandhom jinfurmaw lid-Direttur minnufih meta jkun hemm suspett ta' qattus marid u, jew suspett ta' tifqigħa ta' mard.

Ksur u kontestazzjoni.

Kap. 291.

9. Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha teħel penali ta' ħamsin euro (€50) imposta mid-Direttur, li tista' tiġi kkontestata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.